MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

## ONOR. IMHALLEF

## TONIO MALLIA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2014

Appell Civili Numru. 2429/1998/1

**Linda Busuttil illum Cordina mart James, minnu llum mifruda, u l-istess James Busuttil ghal kull interess li jista' jkollu**

**v.**

**Dr. Josie Muscat u Tania Spiteri**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni li pprezentaw l-atturi fl-24 ta' Novembru 1998, u li taqra hekk:

"Peress illi l-attrici kienet ikkonsultat mal-konvenut Dr. Josie Muscat f'St. James Clinic, Zabbar, rigward xi vini miksura li kellha fuq wiccha;

"Peress illi l-konvenut kien gharrafha illi dawn setghu jitnehhew u ma jibqghux vizibbli ghall-ghajn, permezz ta' inervent bil-'laser' fil-klinika tieghu stess, St. James Clinic;

"Peress illi l-attrici accettat li tigi sottomessa ghal dan l-intervent sabiex jitnehhewla l-vini miksura li kellha fuq wiccha;

"Peress illi gie ffissat appuntament mal-konvenut sabiex dakinhar issir l-operazzjoni bil-'laser' fuq l-attrici;

"Peress illi ftit jiem qabel l-appuntament, l-attrici giet mgharfa illi l-konvenut kien ser ikun imsiefer ghall-appuntament, izda l-intervent seta' jsir xorta wahda mill-konvenuta Tania Spiteri;

"Peress illi wara li sar l-intervent bil-'laser' fuq l-attrici gol-klinika St. James, l-attrici ghamlet sitt gimghat b'wiccha minfuh u b'diversi marki ta' hruq fuqu;

"Peress illi rrizulta illi l-'laser' intuza fuq l-attrici b'mod qawwi wisq, tant illi gie kkagunat hrug fuq il-gilda ta' wicc l-attrici, u l-attrici ghandha llum marki permanenti fuq wiccha b'rizultat tal-istess intervent li sarilha;

“Peress illi dawn id-diversi marki permanenti fuq wicc l-attrici, qed jikkagunawlha disturb u nkonvenjent kbir;

“Peress illi dawn il-griehi jesponu lill-attrici aktar ghal cancer tal-gilda billi nharaq il-‘pigmentation’ tal-istess gilda;

“Peress illi l-konvenuti gew interpellati jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti, izda baqghu inadempjenti.

“Jghidu ghalhekk, il-konvenuti ghaliex m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

“1. Tiddikjara lill-konvenuti, jew min minnhom, responsabbli tad-danni li l-attrici garrbet f’wiccha b’rizultat tal-intervent bil-‘laser’ li sar fuqha fil-bidu tal-1996, f’St. James Clinic, Zabbar;

“2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attrici b’rizultat tal-intervent bil-‘laser’ fuq riferit;

“3. Tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, ihallsu d-danni li jigu hekk likwidati.

“Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta’ Jannar 1998, li minn issa huma ngunti in subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Dr. Josie Muscat li in forza taghha eccepixxa illi:

“1. Preliminarjament illi l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

“2. Illi l-attur James Busuttil m’ghandux interess guridiku fl-azzjoni proposta u ghalhekk fil-konfront tieghu l-eccepjent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

“3. Illi fil-konfront tieghu t-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fil-ligi billi kif jippremettu l-istess atturi t-trattament bil-‘laser’ ma sarx minnu.

“4. Illi f’kull kaz u bla pregudizzju ghas-sueccepit, l-eccepjent ma kien responsabbli ghal ebda negligenza fil-konfront tal-attrici.

“5. Illi ghall-kuntrarju jidher li kienet l-istess attrici li naqset, meta minkejja li tallega li kellha komplikazzjonijiet ma jirrizultax li segwiet il-pariri u proceduri li nghatawlha.

“6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Tania Spiteri li in forza taghha eccepiet illi:

“1. Preliminarjament illi l-azzjoni attrici hija preskrita ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

“2. Illi l-attur James Busuttil m’ghandux interess guridiku fl-azzjoni proposta u ghalhekk fil-konfront tieghu l-eccepjenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

“3. Illi bla pregudizzju ghas-sueccepit it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi l-eccepjenti bl-ebda mod ma kienet negligenti u ma naqset bl-ebda mod fil-konfront tal-attrici.

"4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat is-sentenza li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Novembru 2010 li in forza taghha, il-kawza giet deciza billi:

"i. tiċħad l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni, l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' leġittimazzjoni attiva u passiva u l-eċċezzjonijiet l-oħrajn kollha tal-konvenuti;

"ii. tgħid illi l-konvenuti għandhom iwieġbu għad-danni li ġarrbet l-attriċi, li qegħdin jiġu likwidati fis-somma ta' ħamest elef euro (€5,000); u

"iii. tikkundanna lill-konvenuti flimkien *in solidum* iħallsu lill-attriċi d-danni hekk likwidati flimkien mal-ispejjeż kollha tal-kawża."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"13. B'dikriet tal-24 ta' Jannar 2003[1] il-qorti ħatret espert mediku sabiex, wara li jara lill-attriċi, igħid jekk din ġarrbitx ħsara li ma tfieqx minnha bl-applikazzjoni tal-*laser*, jekk il-*laser* kienx applikat kif iridu l-arti u s-sengħa, x'medikjazzjonijiet tkun teħtieġ l-attriċi u, fil-każ li jsib li hemm debilità, igħid kemm hija din id-debilità. L-espert ħalef ir-rapport[2] fit-2 ta' Frar 2004. L-espert osserva illi:

*""She had multiple flat perfectly round white areas (each 7 millimetres in diameter) distributed across both cheeks and the bridge of the nose. These marks correspond to the laser pulses. The round areas stand out due to the fact*

1 *Fol.* 285.
2 *Foll.* 294 *et seqq.*

*that they are situated over a background of broken veins, which must have been missed out by the laser treatment, hence resulting in a contrasting complexion.*[3]*"*

"14. Il-konklużjoni tal-espert kienet illi:

*""Transient loss of skin pigment that normally reverts to normal within a few months up to 2 years is a known uncommon complication of pulsed dye laser treatment. In Mrs. Busuttil's case, however, I am of the opinion that the loss of pigment (white patches) is permanent, mainly as a result of the untreated skin infection (scabs on the skin) that she developed in the immediate post-laser phase. The unsightly appearance of the face is largely due to the fact that not all the broken veins were covered by laser treatment during the laser sessions to date, and therefore the white treated areas stand out over a background of residual untreated broken veins. It is most likely that cautious pulsed dye laser treatment to the remaining broken veins will help to tone down the contrasting complexion and help improve the overall facial appearance.*

*"Notwithstanding this possible line of action, I am of the opinion that Mrs. Busuttil's facial disfigurement amounts to a level of 3% permanent disability.*[4]*"*

"15. B'nota tat-23 ta' April 2004[5] l-atturi talbu l-ħatra ta' esperti addizzjonali; dawn inħatru b'dikriet tat-28 ta' Ġunju 2004 u ħalfu r-rapport[6] fit-23, 24 u 25 ta' Jannar 2007. L-esperti waslu għal dawn il-konklużjonijiet:

*""1. Over-treatment was responsible for the scarring resulting in permanent hypopigmented spots at the sites of treatment;*

*"2. The overall appearance is aggravated by the contrast between these white scars and telangiectasia*[7] *that have persisted or increased with time. These are not directly attributable to the treatment carried out … … … but may also be amenable to further treatment by laser.*

*"3. … … … she may even need to have a laser resurfacing procedure done to lighten completely the entire facial skin, but this must be done after the visible blood vessels are completely removed."*

"16. Bi tweġiba għall-mistoqsijiet li sarulhom għall-eskussjoni l-esperti komplew fissru illi, estetikament, il-problema tal-attriċi nħoloq għax hemm vini superfiċjali ħomor fil-wiċċ li ma kinux trattati bil-*laser*, u għalhekk baqgħu jidhru, u partijiet oħra fil-wiċċ li nħarqu bl-intensità żejda tal-*laser* u għalhekk tilfu l-pigmentazzjoni u jidhru bojod. Minħabba fil-kuntrast bejn l-abjad u l-aħmar, id-difett jidher aktar. Il-vini għadhom jistgħu jiġu trattati bil-*laser*, u għalhekk il-kuntrast jonqos, iżda t-telf tal-pigmentazzjoni huwa permanenti u għalhekk it-

3 *Fol*. 295.
4 *Fol*. 297.
5 *Fol*. 300.
6 *Foll*. 329 *et seqq.*
7 "*visibly dilated blood vessel on the skin*".

tbajja' bojod ma jfiqux, u jistgħu biss jitgħattew bil-*make-up*. Li tista' ssir hija proċedura magħrufa bħala *resurfacing* li essenzjalment tfisser illi jitneħħa saff tal-ġilda li għadha ma ntmessitx sabiex il-wiċċ kollu jiġi uniformi. Din il-proċedura, li ma ssirx Malta, toħloq inkonvenjent għall-pazjent sakemm, wara tmien xhur sa sena, terġa' tikber il-ġilda.

"17. Fissru wkoll li jista' jkun li l-attriċi kellha xi infezzjoni li, għax ma reġgħetx rat tabib fis-sitt ġimgħat bejn l-intervent u l-appuntament ta' wara, ma kinitx trattata. Dwar dan, il-fehma tal-esperti kienet illi "jista' jkun li jekk dik l-*infection* ġiet trattata b'mod forsi aggressiv allura jista' jkun li r-riżultat finali kien [ikun] aħjar", iżda dan in-nuqqas, għalkemm "seta' kellu effett", madankollu ma kienx "effett kbir"[8].

"18. L-esperti komplew ifissru illi l-ġilda tal-attriċi nħarqet għax "il-*fluence* li ntużat kienet għolja wisq għall-i*skin type* tagħha"[9], u dan ġara għaliex "m'aħniex *convinced* li *the hand on the trigger should have been entrusted with this procedure*"[10].

"19. Komplew fissru illi:

> ""Fil-prattika iva jkollok indikazzjoni [illi l-ġilda tkun qiegħda tinħaraq] għax waqt li qed tagħmel it-*treatment* jekk per eżempju tara l-ġilda ssir griża dik hija indikazzjoni li qed tinħaraq. Issa normalment dan it-tip ta' *laser* wieħed jagħmel b'mod li ma jasalx f'dak l-istadju, jiġifieri l-ġilda titbenġel imma ma tinħaraqx. … … …
>
> "… … … it-*test patch* hija indikazzjoni; ma hijiex xi ħaġa illi inti *you follow blindly*. Jiġifieri għalhekk importanti li meta jkun qed isir it-*treatment* … … … min ikun qed jagħmlu jkun lest li forsi jbiddel il-pjan tat-*treatment* jekk ikun hemm bżonn. Jekk per eżempju tagħmel it-*treatment* u tara li l-ġilda qed tinħaraq, mela tieqaf jew tnaqqas l-*energy*.[11]

**"Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

"20. Dawk essenzjalment kienu l-fatti tal-każ u l-fehma tal-esperti dwarhom. Il-kwistjonijiet quddiem il-qorti issa huma dawn:

---

8 Xiehda tal-Kirurgu Michael Boffa fis-seduta tal-1 ta' Lulju 2008, *foll.* 362 u 374.
9 Xiehda tal-Kirurgu Michael Boffa fis-seduta tal-1 ta' Lulju 2008, *fol.* 373.
10 Xiehda tal-Prof. Joseph Face fis-seduta tal-1 ta' Lulju 2008, *fol.* 372.
11 Xiehda tal-Kirurgu Michael Boffa fis-seduta tal-1 ta' Lulju 2008, *fol.* 373; ara wkoll *fol.* 375.

"i. il-leġittimazzjoni passiva tal-konvenuta Tania Spiteri;

"ii. il-leġittimazzjoni attiva tal-attur James Busuttil;

"iii. il-preskrizzjoni;

"iv. ir-responsabbiltà individwali tal-konvenuti; u

"v. eventwalment, il-ħsara li ġarrbet l-attriċi u l-*quantum* u n-natura tad-danni.

***"Dwar il-leġittimazzjoni passiva tal-konvenuta Tania Spiteri***

"21. Il-konvenuta Tania Spiteri, għalkemm resqet eċċezzjoni ġenerika illi hija "bl-ebda mod ma kienet negliġenti u ma naqset bl-ebda mod fil-konfront tal-attriċi", waqt is-smigħ tax-xhieda qalet illi ma kinitx hi li għamlet l-intervent fuq l-attriċi; l-eċċezzjoni għalhekk għandha tiftehem ukoll fis-sens illi l-konvenuta ma setgħetx taħti għax ma kinitx hi li għamlet l-intervent.

"22. Il-qorti ma għandha ebda dubju illi l-intervent għamlitu l-konvenuta Tania Spiteri. Mhux biss l-attriċi għarfitha pożitivament, iżda wkoll mix-xiehda tal-konvenuti ħareġ illi n-nies li, fiż-żmien relevanti, kienu jħaddmu l-*laser* kienu biss xi erbgħa jew ħamsa, li minnhom waħda biss kienet mara. Jekk jista' jkun illi l-attriċi fixklet l-identità tal-persuna li għamlitilha l-intervent, żgur ma kinitx sejra titfixkel dwar jekk kienx raġel jew mara.

"23. L-eċċezzjoni għalhekk, safejn tista' tiftehem li tolqot il-leġittimazzjoni passiva tal-konvenuta Spiteri, hija miċħuda.

***"Dwar il-leġittimazzjoni attiva tal-attur James Busuttil***

"24. Il-konvenuti qegħdin igħidu wkoll illi l-attur James Busuttil ma għandux leġittimazzjoni biex jidher bħala attur f'din il-kawża għax "f'azzjoni għal danni

akwiljani l-interess ġuridiku huwa biss tad-danneġġjat, u ma jidħlux fil-komunjoni tal-akkwisti".

"25. Bla ma nidħlu fil-kwistjoni jekk l-azzjoni hijiex biss għal danni awkiljani jew ukoll għal responsabilità kuntrattwali, din tal-konvenuti hija biss asserzjoni dommatika msaħħa b'ebda awtorità. Jista' jkun illi tiswa safejn il-ħsara hija għal danni mhux patrimonjali, bħal ma hu d-dannu bijoloġiku minħabba ħsara lill-persuna; dawn ikunu danni personali u għalhekk ma jidħlux fil-komunjoni. It-talba tal-atturi iżda hija ġenerika, u ma hijiex limitata biss għal danni mhux patrimonjali. Ċertament, safejn it-talba hija għal ħsarat patrimonjali, l-interess tal-konjuġi huwa ovvju. Jekk minħabba fil-ħsara li ġarrbet l-attriċi saret nefqa – bħal biex jinxtraw *cosmetics* fil-każ tallum – dan ikun ħruġ, u għalhekk telf bħala *damnum emergens*, tal-komunjoni; jekk l-attriċi sejra ġġarrab telf ta' qligħ 'il quddiem, dan it-telf ikun ta' qligħ li kieku kien jidħol fil-komunjoni u għalhekk, bħala *lucrum cessans*, ikun telf tal-komunjoni.

"26. Safejn għalhekk it-talba hija għal danni patrimonjali, li jidħlu fil-komunjoni tal-akkwisti, l-attur James Busuttil għas-sehem tiegħu fil-komunjoni għandu interess ġuridiku fl-azzjoni tallum u għandu leġittimazzjoni attiva biex ikun parti fil-kawża. Jekk imbagħad tintlaqax jew le t-talba għad-danni patrimonjali hija ħaġa oħra, għax tolqot il-meritu mhux il-leġittimazzjoni.

"27. Xi ftit jew wisq din l-eċċezzjoni illum hija akkademika għax l-attur b'nota tas-26 ta' Novembru 2010 "irrinunzja għad-drittijiet kollha tiegħu naxxenti minn eżitu favorevoli ta' din il-kawża favur tal-attriċi". Dan ma jibdilx il-fatt, iżda, illi fil-waqt relevanti l-attur kellu leġittimazzjoni attiva biex ikun parti fil-kawża.

***"Dwar il-preskrizzjoni taħt l-art. 2153 tal-Kodiċi Ċivili***

"28. Ngħaddu issa biex inqisu l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni ta' sentejn taħt l-art. 2153 tal-Kodiċi Ċivili, li tolqot l-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat.

"29. Il-konvenuti jitilqu mill-premessa illi "l-azzjoni tal-atturi hija bażata fuq il-ħtija akwiljana". Għalkemm dan jista' jkun minnu fil-każ tal-konvenuta Tania Spiteri, ċertament ma huwiex minnu fil-każ tal-konvenut Tabib Muscat, li mal-attriċi hu marbut bir-rabta kuntrattwali ta' bejn professjonist u klijent jew, f'dan il-każ, pazjent.

"30. F'kull każ, iżda, ukoll jekk l-azzjoni hija biss akwiljana, kif iridu l-konvenuti, il-preskrizzjoni ta' sentejn taħt l-art. 2153 ma seħħitx. Għar-raġunijiet mogħtija fuq[12], il-qorti temmen illi l-intervent sar għall-ħabta ta' nofs Frar tal-1996. Il-preskrizzjoni nkisret wara anqas minn sentejn b'ittra uffiċjali tas-6 ta' Jannar 1998, notifikata liż-żewġ konvenuti fid-9 ta' Jannar 1998. Il-kawża mbagħad infetħet fl-24 ta' Novembru 1998, anqas minn sentejn wara li nkisret il-preskrizzjoni.

"31. L-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni hija għalhekk miċħuda, bla ma hu meħtieġ li naraw ukoll jekk id-*dies a quo* kinitx dakinhar tal-intervent jew meta kien magħruf li seħħet il-ħsara li, kif rajna[13], seta' kien ħafna żmien wara.

***"Dwar ir-responsabilità***

"32. Ngħaddu issa biex naraw jekk kienx hemm nuqqasijiet tal-konvenuti, u jekk dawn in-nuqqasijiet wasslux għall-ħsara li ġarrbet l-attriċi, b'mod illi l-konvenuti jkollhom iwieġbu għal dik il-ħsara.

"33. Essenzjalment, il-kwistjoni hija jekk il-konvenuta Tania Spiteri naqsitx li timxi bil-għaqal u l-ħsieb kif igħid l-art. 1032 tal-Kodiċi Ċivili, jew daħlitx għal xogħol li ma kellhiex il-ħila biex tagħmlu, u għalhekk twieġeb taħt l-art. 1038, u jekk il-konvenut Tabib Josie Muscat iwiġibx għal dak li għamlet jew li naqset li tagħmel il-konvenuta Spiteri taħt l-art. 1037 jew xi dispożizzjoni oħra tal-liġi. Billi r-responsabilità tal-konvenuta Spiteri jista' jkollha relevanza għal dik tal-konvenut Tabib Muscat, naraw l-ewwel jekk kienx hemm nuqqasijiet min-naħa tal-konvenuta Spiteri.

***"Dwar ir-responsabilità tal-konvenuta Tania Spiteri***

"34. Il-konvenuta Spiteri hija *beauty therapist* u hija wkoll imħarrġa bħala *ECG technician*. *Electrocardiogram* hija għodda djanjostika, mhux terapewtika, bħal ma huwa l-*laser* li ntuża għall-intervent fuq l-attriċi.

"35. Meta nġieb l-apparat tal-*laser* f'Malta ġew ukoll xi tekniċi biex jistallawh u biex juru t-tħaddim tiegħu, u l-konvenuta Spiteri ħadet taħriġ mingħand dawn it-tekniċi dwar kif jitħaddem l-apparat. Il-konvenut l-ieħor, it-Tabib Muscat,

[12] Para. **Error! Reference source not found.**, *supra*.
[13] Para. **Error! Reference source not found.**, *supra*.

qabel ma nġieb l-apparat kien mar jieħu taħriġ ukoll barra minn Malta u għalhekk, meta beda jħaddem l-apparat hu, il-konvenuta Spiteri setgħet tkompli titgħallem mingħandu. Il-konvenuta fissret hekk it-taħriġ li kienet tieħu:

> ""[L-amministratriċi tal-klinika] qaltli … … … li ħa jagħtuna t-tagħlim, ġejjin it-*technicians* minn barra, u kien hemm Dr Josie Muscat ukoll, u tħajjart. U wara li għamilt diversi żmien magħhom u għamilt diversi ġimgħat naħdem ma' Dr Muscat, meta hu deherlu speċi li jiena kont tajba biżżejjed biex naħdem waħdi bdejt nagħmel l-interventi waħdi, u ġieli assistejt ukoll; mhux dejjem kont inkun waħdi. … … …
>
> "Kelna ċertu *tables* lejn xiex inħarsu; jiġifieri, għalkemm konna mgħallmin, xejn ma konna nagħmlu *offhand* jew mingħajr *consultation*: kollox kien ikun meqjus.[14]"

"36. Dak li l-konvenuta sejħitlu "diversi żmien" titgħallem mingħand it-tekniċi kien "xi ħames darbiet, forsi, bejn wieħed u ieħor"[15]. It-taħriġ li ħadet il-konvenuta jidher għalhekk li kien ta' esperjenza prattika; ma għamlet ebda kors formali. It-taħriġ li għamlet mal-konvenut Tabib Muscat ukoll ma kienx formali, u ma għamlet ebda eżami: kienet tarah jaħdem u meta "speċi" deherlu li lesta biex taħdem weħedha, beda jafdalha l-pazjenti.

"37. Għalkemm l-oneru tal-prova ġeneralment jaqa' fuq l-attur, imiss lill-konvenuta tagħmel il-prova illi, qabel ma għamlet xogħol ta' professjonista, kellha l-ħila li jrid l-art. 1083 tal-Kodiċi Ċivili. Fil-fehma tal-qorti, imsaħħa bl-opinjoni tal-esperti minnha maħtura, il-konvenuta ma għamlitx din il-prova. Anzi, jidher illi t-taħriġ li ngħatat kien każwali wisq u la hi u lanqas min għallimha – il-konvenut Tabib Muscat – ma apprezzaw sew il-ħtieġa għal taħriġ aktar partikolareġġjat. Dan l-atteġġjament każwali jidher ċar minn dan il-kliem tal-konvenut Tabib Muscat:

> ""… … … dan mhux xi *treatment*, dan ma niftħux nies u hekk hemmhekk: m'hemmx punti u *anaesthesia* u affarijiet bħal dawn imdaħħlin! … … … Dan huwa trattament verament sempliċi, ta, jiġifieri.[16]"

"38. Kif fissru l-esperti ġudizzjarji, biex tagħmel interventi bħal dak li sar fuq l-attriċi, mhux biżżejjed li tkun taf tħaddem il-makna u tagħżel is-*settings*: trid f'kull waqt tanalizza r-riżultat u tvarja l-proċedura skond l-esiġenzi dinamiċi tal-każ partikolari. Jidher li l-konvenuta Spiteri, għalkemm ċertament kienet taf tagħmel is-*setting* tal-makna u tispara l-*laser*, ma kinitx qiegħda f'kull waqt tara r-riżultat fuq il-ġilda: jidher li kienet tagħżel is-*setting* skond it-*tables* li semmiet

14 Xiehda tal-konvenuta Tania Spiteri fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2002, *fol.* 169.
15 *Ibid. fol.* 190.
16 Xiehda tal-Konvenut Tabib Josie Muscat fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2002, *fol.* 226.

fix-xiehda tagħha, u dak is-*setting* ma tibdlux. Li kienet tagħmel waqt il-proċedura fissritu hekk fix-xiehda tagħha:

> ""Jiena personali waqt it-trattament kont inżomm, kelli *dish* bl-ilma biex jekk pazjent jgħidli "Ieqaf!" jew "Qed idejjaqni", konna nitteppjaw bl-ilma kiesaħ biex niffriskaw ftit il-wiċċ u dejjem użajna prudenza, mhux naqbdu u nagħmlu t-*treatment* u nibqgħu għaddejjin. Jekk, per eżempju, għamilt żewġ *spots* u tara anke pazjent, tarah naqra *a bit edgy*, ghax *it is a bit painful*, ngħiduha kif inhi, kont nieqaf u ngħidilha, "*All right*? Inkomplu?" Jiġifieri kienet xi ħaġa li konna nagħtu każ il-pazjent x'qed iħoss u kif jirreaġixxi. Jiġifieri ma konniex ngħidu, għax hemm *area* daqshekk, ha tittrijtjaha kollha; jekk il-pazjent partikolari ma jiflaħx għal dak it-trattament, ma jgħidlekx "Isma', ieqaf, inkomplu darb'oħra". Dejjem issaqsih "Inti tiflaħ tkompli? Nagħmlu ftit ieħor?" Jekk igħidlek "Iva", *you proceed*". U mbagħad konna nagħmlu, napplikaw *after-care cream* li kienet tixtri l-*clinic* u konna nagħmlu *a sterile gauze*, *just* biex sakemm tmur id-dar, peress li konna navżawhom li ha tintefaħ u li ħa jkollha ftit ħruq, u ngħidulhom ukoll illi tħalliha ftit mgottija sa *twenty-four hours*, jekk taħraqha li tbaħbaħha bl-ilma frisk u konna wkoll nissuġġerixxu dan l-*after-care cream* illi jagħmluh id-dar. Apparti hekk, importanti li ma jmissuhiex, ma jagħmlux *make-up* fuqha, ma jmissuhiex bis-sapun, jekk ha jinħaslu dejjem ma jibbraxxjawx bit-*towel*, *they pat dry* biss.[17]"

"39. Imkien ma qalet li, jekk ikun meħtieġ, tibdel is-*setting* tal-makna jew l-intensità tal-*laser*. Il-kriterju ma huwiex biss xi jħoss u x'jgħid il-pazjent iżda x'jara u x'janalizza f'kull waqt min ikun qiegħed iħaddem il-makna. Kien għalhekk illi, fil-każ tal-attriċi, għalkemm kienet qiegħda taħraq il-ġilda, u, kif qalu l-esperti, kien ikun hemm sinjali li jidhru illi l-ġilda kienet qiegħda tinħaraq, il-konvenuta dawn is-sinjali jew ma rathomx jew ma apprezzatx sew it-tifsira tagħhom, baqgħet għaddejja bl-istess intensità u għamlet ħsara lill-attriċi. Kien għalhekk illi l-esperti qalu illi "m'aħniex *convinced* li *the hand on the trigger should have been entrusted with this procedure*"[18]. Fi kliem ieħor, il-proċess ma kellux ikun wieħed biss mekkaniku li tagħżel l-intensità tal-*laser*, tagħmel is-*settings* fuq il-makna u tagħfas il-buttuna: kellu f'kull waqt isir apprezzament mediku dinamiku biex il-proċess ikun aġġustat kif u kull meta jkun meħtieġ, mhux biss billi tieqaf sakemm il-pazjent igħidlek tkompli. Hemm differenza bejn it-tħaddim mekkaniku tal-makna u l-valutazzjoni dinamika tal-effett tagħha.

"40. Il-qorti għalhekk hija tal-fehma illi l-konvenuta Tania Spiteri għandha twieġeb għad-danni li ġarrbet l-attriċi, kemm għax jidher li daħlet għal xogħol li ma kellhiex il-ħila għalih, u kemm għax naqset li timxi bil-ħsieb u l-għaqal mistenni minn min jagħmel dak ix-xogħol, ma għarfitx x'kien qiegħed jiġri lill-ġilda tal-pazjenta waqt l-intervent meta ħaddmet il-*laser* b'intensità ogħla milli kien tajjeb għall-każ partikolari u, b'konsegwenza ta' hekk, lill-pazjenta għamlitilha ħsara li ma tfieqx minnha.

---

17 Xiehda tal-konvenuta Tania Spiteri fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2002, *foll.* 173 *et seq.*

18 Xiehda tal-Prof. Joseph Face fis-seduta tal-1 ta' Lulju 2008, *fol.* 372.

***"Dwar ir-responsabilità tal-konvenut Tabib Josie Muscat***

"41. Il-konvenut Tabib Muscat, fil-para. 20 tan-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenuti, igħid illi hu ma jaħtix għad-danni li ġarrbet l-attriċi għax (i) ma kienx hu "li ddeċieda min għandu jagħmel it-trattament" u (ii) għax it-trattament f'kull każ sar minn "persuna kompetenti". Ġà rajna illi t-tieni raġuni ma tiswiex; li rridu naraw għalhekk huwa jekk il-konvenut Tabib Muscat iweġibx għal dak li għamlet jew li naqset li tagħmel il-konvenut l-oħra.

"42. In-nota tal-konvenuti tkompli hekk:

> ""Jirriżulta li qabel l-appuntament għat-trattament Dr Muscat kien imsiefer u ma kienx hu li ssuġġerixxa li t-trattament isir minn ħaddieħor. F'kull każ, kienet l-attriċi nfisha li liberament għażlet li flok tistenna li Dr Muscat jiġi lura mis-safar tmur tagħmel it-trattament għand ħaddieħor.[19]"

"43. Dan kollu ma jibdilx il-fatt illi l-attriċi kienet pazjenta tal-konvenut Tabib Muscat: lilu kienet għażlet, l-ewwel konsultazzjoni miegħu saret u hu aċċettaha bħala pazjenta tiegħu. Din ir-relazzjoni professjonali ta' bejn pazjent u tabib toħloq responsabilità fuq il-professjonista. Jekk, fiċ-ċirkostanzi, l-intervent ma setax jagħmlu hu, il-konvenut kellu jara li jafdah f'idejn min kellu ħila daqsu biex jagħmlu u mhux, kif qiegħed igħid li għamel, iħalli l-għażla f'idejn ħaddieħor. Ukoll, il-qorti ma temminx illi l-amministrazzjoni tal-klinika – li jidher li qiegħda f'idejn bint il-konvenut – sejra tieħu pazjent mingħand tabib u tafdah f'idejn professjonista ieħor mingħajr il-kunsens ta' dak it-tabib. Ma nġiebet ebda prova illi, meta ġie lura mis-safar u ra illi l-pazjenta kien ittrattaha ħaddieħor, il-konvenut ipprotesta dwar dan il-fatt: dan juri li dak li ġara kien ħaġa ta' rutina, għallinqas f'intervent li l-konvenut iqisu bħala "trattament kosmetiku minuri"[20], u kien hemm il-kunsens minn qabel tal-konvenut.

"44. Ma jibdel xejn minn dankollu l-fatt illi l-attriċi tat il-kunsens tagħha biex l-intervent isir mill-konvenuta Spiteri. Ladarba kienet fil-bidu għażlet li tikkonsulta mal-konvenut Tabib Muscat fi klinika privata, il-kunsens tagħha kien dejjem meħtieġ biex jaraha ħaddieħor; b'hekk ma ħelsitx lit-Tabib Muscat mir-responsabilità lejha.

---

19 Para. 20 tan-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenuti.
20 Para. 19 tan-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenuti.

"45. Barra minn hekk, kien il-konvenut Tabib Muscat illi lill-konvenuta l-oħra "abilitaha", biex ngħidu hekk, għat-tħaddim tal-makna meta deherlu li "speċi" kienet tajba biżżejjed biex titħalla taħdem weħedha[21]. Il-fatti wrew li dan kien ġudizzju żbaljat.

"46. Il-qorti għalhekk hija tal-fehma illi l-konvenut Tabib Muscat għandu jwieġeb għad-danni mhux biss bis-saħħa tar-relazzjoni professjonali li kellu mal-attriċi iżda wkoll taħt l-art. 1037 tal-Kodiċi Ċivili.

***"Dwar ħtija kontributorja tal-attriċi***

"47. Il-konvenuti qegħdin igħidu illi l-attriċi ikkontribwiet għall-ħsara, kif igħid l-art. 1051 tal-Kodiċi Ċivili, għax, għalkemm kellha sintomi allarmanti ta' infezzjoni wara l-intervent, ma għarrfitx lill-klinika b'dan, ma iddewwietx u b'hekk kabbret il-ħsara.

"48. Tassew illi t-tagħrif bil-miktub mogħti lill-attriċi kien igħid illi "*Do not worry about any redness or itchiness of the skin during the first 6 weeks – this is normal. If this happens apply some cold water or ice*", u għaldaqstant setgħet taħseb illi xi skomdu jew uġigħ fil-jiem ta' wara l-intervent kienu xi ħaġa normali. Is-sintomi li kellha l-attriċi, iżda, kienu aktar minn ħmura jew irritazzjoni tal-ġilda: qalet illi ntefħilha wiċċha u ntefħulha għajnejha hekk li bilkemm setgħet tara. Dawn huma sintomi allarmanti biżżejjed biex lill-attriċi misshom tawha x'taħseb li ma kienx kollox sew, u kien imissha ħadet parir qabel u mhux tħalli li jgħaddu s-sitt ġimgħat biex iżżomm l-appuntament li nġħatalha, għalkemm għandu jingħad ukoll illi l-konvenuta Spiteri qalet illi lill-pazjenti "konna navżawhom li ha tintefaħ u li ħa jkollha ftit ħruq"[22] u kien minħabba f'hekk ukoll illi l-attriċi ma allarmatx ruħha daqskemm kien jitlob il-każ.

"49. Madankollu, għalkemm il-qorti tifhem illi, minħabba f'dan in-nuqqas, l-attriċi setgħet ikkontribwiet għall-ħsara, il-kontribuzzjoni tal-attriċi għall-ħsara hija relativament minima: li qalu l-esperti huwa illi "jista' jkun li jekk dik l-*infection* ġiet trattata b'mod forsi aggressiv allura jista' jkun li r-riżultat finali kien [ikun] aħjar", iżda dan in-nuqqas, għalkemm "seta' kellu effett", madankollu ma kienx "effett kbir"[23]. Il-fatt huwa illi l-ħsara – il-ħruq tal-ġilda sal-livell tal-pigmentazzjoni – għamlitha l-intensità għolja wisq tal-*laser*; imqabbel ma' dan,

21 Para. 0 u 0, *supra*.
22 Para. 0, *supra*.
23 Xiehda tal-Kirurgu Michael Boffa fis-seduta tal-1 ta' Lulju 2008, *foll.* 362 u 374.

in-nuqqas tal-attriċi kien minimu u ma għandux relevanza għall-*quantum* tad-danni.

***"Dwar id-danni***

"50. Fl-aħħarnett il-konvenuti jgħidu illi l-attriċi ma ġarrbet ebda dannu. Igħidu illi, ukoll qabel l-intervent, l-attriċi kellha difett kosmetiku għax kellha vini ħomor f'wiċċha, u dan id-difett kienet taħbih billi tagħmel *make-up*; issa, wara l-intervent u minħabba fih, għandha difett kosmetiku għax għandha dbabar bojod f'wiċċha li huma sinjali li jidhru tal-ħruq tal-ġilda ta' wiċċha u li minħabba fihom il-vini ħomor li kellha u li għad għandha f'wiċċha ġew jidhru aktar minħabba fil-kuntrast. Dan id-difett kosmetiku l-ġdid, igħidu l-konvenuti, ukoll jista' jinħeba bil-*make-up*. Essenzjalment, igħidu l-konvenuti, ma nbidel xejn.

"51. Il-qorti ma kellhiex okkażjoni tara wiċċ l-attriċi kif kien qabel l-intervent; setgħet biss tara r-ritratti li ttieħdu dakinhar li saret l-ewwel prova (*test patch*)[24] u ritratti oħrajn tal-attriċi qabel l-intervent[25] (għalkemm dawn tal-aħħar ma humiex daqshekk ta' min joqgħod fuqhom għax ma hux magħruf jekk l-attriċi kinitx bi-*make-up* waqt li dak tat-*test patch* żgur li ttieħed bla *make-up*), u tqabbel dawk ir-ritratti ma' dak li juri wiċċ l-attriċi llum[26]. Il-qorti kellha wkoll okkażjoni tara wiċċ l-attriċi – bla *make-up* – waqt is-smigħ tal-kawża. Mir-ritratti biss id-differenza ma tistax ma tolqtokx: għalkemm qabel l-intervent l-attriċi kellha dak li forsi jista' jitqies bħala difett – u li hi stess qisitu bħala difett tant illi għażlet li tagħmel l-intervent – dak li għandha llum huwa difett wisq aktar goff u li jagħti fil-għajn. Tara nies b'vini f'wiċċhom li iżda xorta jidhru marki naturali aktar milli difetti; wiċċ l-attriċi llum ma jistax jitqies naturali u dak li jidher huwa manifestament difett.

"52. Il-qorti għalhekk ma taqbilx mal-konvenuti illi d-difett kosmetiku li għandha l-attriċi llum jista' jitgħatta bir-regola *de minimis*. Ċertament l-istat tal-attriċi qabel l-intervent jitqies bħala fattur fil-likwidazzjoni tad-danni, iżda mhux biex ipaċihom għal kollox u lanqas fil-parti l-kbira.

"53. Huwa minnu wkoll illi, ladarba huwa l-kuntrast bejn il-vini ħomor u d-dbabar bojod li aktar jolqot il-għajn, l-effett jista' jitnaqqas jekk l-attriċi tagħmel intervent ieħor, bl-istess *laser*, fuq il-vini li baqgħu ma tneħħewx bl-ewwel

24 *Fol*. 42.
25 *Fol*. 381.
26 *Fol*. 30 *tergo*.

intervent biex dawn ma jibqgħux jispikkaw fuq l-isfond abjad. Ċertament, l-attriċi ma għandhiex tkun imġiegħla toqgħod għal dan l-intervent, aktar u aktar meta tqis l-esperjenza qarsa li għaddiet minnha fl-ewwel wieħed; madankollu, din it-triq ma hix xi waħda straordinarja – l-attriċi ġà għaddiet minnha – u tibqa' miftuħa biex jitnaqqas l-effett tal-ħsara u ma tistax ma titqiesx mill-qorti bħala fattur ieħor b'relevanza għal-likwidazzjoni tad-danni.

"54. Min-naħa l-oħra, il-qorti ma tistax tqis bħala fattur il-possibilità l-oħra msemmija mill-esperti, dik tar-*resurfacing*. Din tidher li hija proċedura straordinarja, ma ssirx Malta u għalhekk teħtieġ safar ta' aktar minn darba u fit-tul, tieħu ħafna żmien u tiswa ħafna flus. Hija raġonevoli d-deċiżjoni tal-attriċi li din it-triq ma tgħaddix minnha u għalhekk ma hija ta' ebda relevanza għal-likwidazzjoni tad-danni.

***"Dwar id-dannu patrimonjali***

"55. Fl-aħħarnett dwar id-danni l-konvenuti jgħidu illi l-attriċi ma ġarrbet ebda telf pekunjarju jew telf ta' qligħ. Dan ma hux għal kollox minnu: biss biss, hemm in-nefqa żejda li jkollha tagħmel l-attriċi biex tixtri l-*cosmetics* għall-*make-up*. Jista' jkun ukoll illi l-kondizzjoni tagħha tagħalqilha l-bieb għal ċertu tip ta' xogħol u għalhekk iġġarrab telf ta' qligħ.

"56. Li hu minnu, iżda, huwa illi l-atturi ma ressqu ebda prova ta' telf patrimonjali: la wrew kemm l-attriċi kienet tonfoq qabel fuq il-*cosmetics* u kemm qiegħda tonfoq issa; la wrew xi qligħ kellha mix-xogħol tagħha u kemm dan il-qligħ naqas illum: ma ressqu prova ta' xejn.

"57. Fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħhom l-atturi stiednu lill-qorti tagħmel likwidazzjoni tad-danni *arbitrio boni viri*. Tassew illi l-qorti għandha dik is-setgħa: hemm ċirkostanzi fejn, għalkemm ħsara tkun saret. u għalhekk il-vittma jkollu jedd għal risarċiment, madankollu l-prova tal-*quantum* ma tkunx tista' raġonevolment issir u għalhekk, biex ma ssirx l-inġustizzja ta' dannu mingħajr kumpens, il-qorti jkollha tagħmel likwidazzjoni *arbitrio boni viri*. Il-qorti iżda ma tinqediex b'din is-setgħa biex tagħmel tajjeb għan-nuqqas ta' parti jew oħra li tressaq il-provi li setgħet tressaq u li ma kien hemm xejn xi jżomm milli tressaqhom.

"58. Fiċ-ċirkostanzi, għalhekk, il-qorti tista' tgħid biss illi ma saritx il-prova ta' danni patrimonjali.

***"Dwar id-dannu mhux patrimonjali***

"59. It-telf li ġarrbet l-attriċi, iżda, ma huwiex biss patrimonjali.

"60. L-attriċi ġarrbet ħsara f'ġisimha u, minħabba f'hekk, ukoll fil-psike tagħha. L-integrità psiko-fiżika tal-persuna hija valur imħares kemm mill-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali u kif ukoll mill-Karta tad-Drittijiet Fondamentali tal-Unjoni Ewropea ["il-Karta"], li fl-art. 3 – "Id-dritt għall-integrità tal-persuna" – para. 1 tgħid hekk: "Kull persuna għandha d-dritt għar-rispett tal-integrità fiżika u mentali tagħha.". Din il-Karta, skond l-art. 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, "għandha jkollha l-istess valur legali bħat-Trattati", u għalhekk il-qrati maltin, għalkemm il-Karta nfisha japplikawha direttament biss "meta jkunu [qegħdin] jimplimentaw il-liġi tal-Unjoni"[27], huma marbuta illi jinterpretaw il-liġijiet ta' Malta b'mod konformi.

"61. L-art. 1033 tal-Kodiċi Ċivili jgħid hekk dwar id-danni li għandu jħallas min bi ħtija tiegħu jagħmel ħsara lil ħaddieħor:

> ""**1033.** Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk."

"62. Fid-dawl ta' dak li għidna fuq dwar l-interpretazzjoni konformi, il-"ħsara li tiġri" ma tistax aktar tiġi interpretata bħallikieku tfisser biss ħsara patrimonjali iżda għandha tiġbor il-ħsara kollha, ukoll dik mhux patrimonjali bħal ma hija l-ħsara lill-ġisem meta tolqot l-integrità fiżika tal-persuna. L-istess għandu jingħad għat-"telf effettiv" imsemmi fl-art. 1045(1) tal-Kodiċi Ċivili. Wara kollox, u wkoll bla ma nqisu dak li tgħid il-Karta, il-liġi tad-delitti ċivili ta' pajjiż ewropew tas-Seklu XXI ma tistax tkompli tħalli bla rimedju lil min iġarrab ħsara fil-valuri fondamentali tal-ħajja. L-attriċi, bi ħtija tal-konvenuti, ġarrbet ħsara fl-integrità tal-persuna tagħha u għalhekk il-konvenuti huma obbligati għall-ħlas ta' din il-ħsara, kif igħid u jrid l-art. 1033 tal-Kodiċi Ċivili moqri fid-dawl tal-art. 3.1 tal-Karta.

[27] Art. 51.1

"63. Il-ħsara mhux partimonjali, min-natura stess tagħha, u fin-nuqqas ta' dispożizzjonijiet leġislativi li jirregolaw il-*quantum*, ma tistax tiġi likwidata jekk mhux *arbitrio boni viri* wara lil-qorti tqis il-fatturi kollha li ssemmew fuq. Wara li qieset dan kollu, il-qorti tillikwida d-danni mhux patrimonjali li ġarrbet l-attriċi fis-somma ta' ħamest elef euro (€5,000).

"64. Billi l-biċċa tal-ħsara li kull wieħed jew waħda mill-konvenuti ikkaġuna ma tistax tiġi stabilita, l-atturi jistgħu, kif igħid l-art. 1050 tal-Kodiċi Ċivili, jitolbu l-ħlas tas-somma kollha mingħand kull wieħed jew waħda mill-konvenuti, b'dan illi, bejn il-konvenuti stess, il-ħlas għandu jinqasam fis-sehem ta' nofs kull wieħed jew waħda."

Rat ir-rikors tal-appell tal-attrici li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talbet illi din il-Qorti joghgobha:

"… … tilqa' dan l-appell billi (i) b'akkoljiment tal-aggravju mressaq mill-esponenti tvarja dik il-parti tas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet premessi moghtija fit-30 ta' Novembru 2010 fejn illikwidat id-danni sofferti mill-attrici appellanti u minflok tikkomputa d-danni fid-dawl ta' dak supra espost f'ammont aktar gholi minn dak likwidat bl-istess sentenza u konsegwentement tvarja dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti kkundannat lill-konvenuti appellati in solidum bejniethom ihalsu s-somma stabbilita mill-ewwel Qorti, billi tikkundanna ihallsu in solidum bejniethom dak l-ammont li jigi hekk stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, u (ii) tikkonferma s-sentenza fil-bqija, u dan bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellati."

Rat ir-risposta tal-appell u l-appell incidentali tal-konvenuti li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu illi din il-Qorti joghgobha:

> "… (i) fl-ewwel lok, tordna l-isfilz tal-email ta' Dr. Joseph Pace esebit bhala Dok A mal-appell tal-atturi; (ii) fit-tieni lok, tichad l-appell tal-atturi bl-ispejjez kontra taghhom; u (iii) fit-tielet lok tirriforma s-sentenza appellata tat-30 ta' Novembru 2010 fl-ismijiet premessi billi filwaqt li tikkonfermaha fejn iddecidiet li ma saritx il-prova ta' danni patrimonjali u ma llikwidat ebda danni materjali, tirrevokaha fejn cahdet l-eccezzjonijiet tal-esponenti konvenuti u fejn sabet lill-esponenti responsabbli ghad-danni li garrbet l-attrici, illikwidat l-istess fis-somma ta' €5,000 u kkundannat lill-esponenti flimkien in solidum ihallsu lill-attrici d-danni hekk likwidati, u konsegwentement tilqa' l-eccezzjonijiet tal-esponenti konvenuti u tichad it-talbiet tal-atturi. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi."

Rat ir-risposta tal-attrici ghall-appell incidentali tal-konvenuti li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, tissottometti illi:

> "… … salv ghall-akkoljiment tal-aggravji u t-talbiet imressqa mill-attrici permezz tal-appell principali taghha mis-sentenza appellata fl-ismijiet premessi moghtija fit-30 ta' Novembru 2010, is-sentenza appellata timmerita li tigi konferma fl-bqija, u l-appell incidentali interpost mill-konvenuti jigi michud u dan bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellati."

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta li f'din il-kawza l-attrici kkonsultat ruhha ma' Dr. Josie Muscat dwar xi vini miksura li kellha f'wiccha. Dan ta parir li l-vini setghu jitnehhew u ma jibqghux jidhru b'intervent bil-*laser* fil-klinika tieghu, Saint James Clinic, f'Haz

Zabbar. Saru testijiet fuq l-attrici sabiex min ihaddem il-magna jkun jista' jaghzel l-ahjar *setting*. Fid-data li kellu jsir it-trattament, Dr. Muscat kien imsiefer u l-Amministrazzjoni tal-klinika qalulha li t-trattament kien sejjer isir minn xi hadd iehor. Hi accettat. Waqt l-intervent l-attrici hasset ugiegh u xammet ukoll il-gilda tinharaq, izda hasbet li dan kien parti mill-process. Hi nghatat appuntament ghall-sitt gimghat wara, u meta marret ghal dan infurmat lill-konvenuta li kienet inkwetata bl-istat ta' wiccha, u l-konvenuta qaltilha biex tiehu aktar vitamina C u wiccha jmur ahjar. Eventwalment giet infurmata mill-kirurgu Joseph Briffa li l-partijiet ta' wiccha li kienu saru bojod x'aktarx illi ma jfiqux ghax il-gilda kienet mahruqa fil-fond tant li tilfet is-saff ta' pigmentazzjoni u ghalhekk qatt ma setghet tismar. Qalilha wkoll illi kellha tuza' *sun block* totali biex ma thallix li r-raggi tax-xemx imardulha l-gilda billi din kienet tilfet is-saff ta' protezzjoni.

L-ewwel Qorti kienet qabdet espert mediku u, fuq talba tal-attrici, esperti addizzjonali biex jassistuha fil-indagini taghha. Mir-rapporti jidher li waqt it-trattament, mhux il-vini miksura kollha gew trattati u b'konsegwenza kellha *"an unsightly appearance".* Il-hruq kien rizultat ta' *over-treatment* f'certi partijiet tal-wicc li wassal *"in permanent hypopigmented spots at the sites of treatment".* Il-Qorti sabet favur l-attrici, qieset lill-konvenuti responsabbli *in solidum* ghal dak li sehh, u ikkundannathom ihallsu s-somma ta' hamest elef Euro (€5,000) bhala danni lill-attrici.

L-attrici appellat mill-*quantum* tad-danni, waqt li l-konvenuti pprevalew ruhhom mill-appell tal-attrici, u ressqu appell incidentali mill-aspetti kollha tal-kaz. In vista ta' dan, din il-Qorti sejra titratta l-kwistjonijiet involuti fl-istess sekwenza li gew trattati mill-ewwel Qorti.

**(i) <u>Il-legittimazzjoni passiva tal-konvenuta Tania Spiteri</u>**

Din il-konvenuta tghid li ma kinitx hi li ghamlet l-intervent fuq l-attrici. Fin-nota tal-eccezzjonijiet taghha din il-konvenuta ma eccepietx li l-intervent ma sarx minnha, izda qalet biss li bl-ebda mod ma kienet negligenti fil-konfront tal-attrici. Fil-kors tas-smiegh tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti harget b'din il-pozizzjoni ghax meta gie ezaminat il-*file* tal-attrici ma giex registrat minn min sar l-intervent. Dan huwa nuqqas tal-amministrazzjoni tal-klinika mmexxija mill-konvenut l-iehor Dr. Josie Muscat, u kieku din is-sottomissjoni kellha tintlaqa' r-responsabbilta` kienet taqa' kollha fuq Dr. Muscat ghax min ikun ghamel it-trattament kien jibqa *terzo ignoto* ghall-fini ta' din il-kawza, bir-rizultat li l-konvenut citat kien ikollu jassumi r-responsabbilta` totali hu, darba u jekk jirrizulta li dak il-konvenut kien responsabbli almenu in parte ghal dak li sehh.

Din il-Qorti, apparti dan, hija konvinta li t-trattament sar minn Tania Spiteri. L-attrici xehdet b'mod car li kienet din li ghamlitilha t-trattament, u kif inghad, din il-konvenuta ma resqitx eccezzjoni li hija ma kinitx esegwiet l-intervent. Jirrizulta wkoll li, dak iz-zmien, kien hemm xi erba' jew hames persuni li kienu jahdmu l-*laser* u wahda biss kienet mara. L-attrici, hu allegat mill-konvenuti, fil-kors tax-xhieda taghha setghet tfixklet fuq certi dettalji, pero`, kienet konsistenti dwar is-sess tal-persuna li ghamlitilha l-intervent, u din Tania Spiteri, bhala l-unika mara li setghet taghmel dan l-intervent, tidhol waheda biex tkun ikkunsidrata bhala l-persuna li wettqet l-intervent fuq l-attrici.

**(ii) <u>Il-legittimazzjoni attiva tal-attur James Busuttil</u>**

Il-konvenuti jasserixxu li r-ragel tal-attrici ma kellux ikun parti fil-kawza. Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument ghax danni patrimonjali rizultat minn ksur kuntrattwali jidhlu li jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti tal-mizzewgin. Anke jekk id-danni jitqiesu ta' natura awkiljana, kif qalet l-ewwel Qorti, id-danni ghall-hsara patrimonjali, jidhlu fil-komunjoni tal-akkwisti, b'mod li l-attur James Busuttil, bhala ko-partecipi fl-istess, ghandu interess ikun parti fil-kawza. Il-kwistjoni hi llum akkademika ghax mhux biss l-konjugi Busuttil illum huma separati formalment u illikwidaw u tterminaw il-komunjoni tal-akkwisti gia` ezistenti bejniethom, izda l-istess attur ressaq nota fl-atti tal-kawza fejn irrinunzja ghad-drittijiet tieghu fil-kawza, bir-rizultat li l-interess fil-kawza tista'

tghid li baqa’ tal-attrici – minghajr ma jnehhi l-fatt li, meta infethet il-kawza, l-istess attur kellu l-interess guridiku mehtieg biex ikun ko-attur fil-kawza.

**(iii) Il-Preskrizzjoni taht l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili**

Din l-eccezzjoni tippresumi li r-relazzjoni ta’ bejn l-attrici u l-konvenuti hija wahda delittwali. Din il-Qorti, pero`, gia` osservat li r-relazzjoni bejn tabib u pazjent hija kuntrattwali. Dan qalitu b’mod car fil-kawza **Gauci v. Felice**, deciza fil-31 ta’ Ottubru 2008:

> *“… din il-Qorti hija tal-fehma li jkun aktar logiku li r-relazzjoni bejn pazjent u tabib tigi ezaminata fil-kuntest ta’ kuntratt. Hu veru li kuntratt jehtieg il-kunsens ta’ zewg partijiet, izda hu veru wkoll li dan il-kunsens jista’ jkun tacitu, u anki implicitu, basta tkun tezisti l-volonta` fil-partijiet li jassumu l-obbligazzjonijiet fil-konfront ta’ xulxin. Meta pazjent jersaq lejn tabib anke jekk dan it-tabib ikun imhallas mill-Gvern biex ikun ghas-servizz tal-poplu, dak il-pazjent ikun qed ipoggi l-bzonnijiet tieghu f’idejn dak it-tabib u meta t-tabib jaccetta li jaghti s-servizz tieghu, ikun qed jintrabat fil-konfront ta’ dak il-pazjent – li jaqdi d-doveri tieghu skond l-ahjar hila tieghu.”*

Fid-dawl tal-premess, il-preskrizzjoni invokata hija inapplikabbli ghal dan il-kaz u qed tigi, ghalhekk, michuda l-eccezzjoni relattiva.

**(iv) <u>Ir-responsabbilta` individwali tal-konvenuti</u>**

**(a) Responsabbilta` ta’ Tania Spiteri**

Ghalkemm il-konvenuta Tania Spiteri ma hijiex tabib, izda *beauty therapist*, u hija imharrga wkoll bhala *ECG technician*, ir-responsabbilta` taghha m’ghandhiex titqies differenti minn dik relattiva ghat-tobba.

L-obbligazzjonijiet kuntrattwali, fis-sistema civili Malti, jistghu jkunu *di dare*, *di fare* jew *di non fare*, u f’kaz ta’ tabib ir-responsabbilta` tieghu titqies bhala wahda *di fare*, fejn it-tabib qed jigi mqabbad biex jaghti s-servizz tieghu bi skop li jottjeni ghan definit. Dan ma jfissirx, pero`, li mit-tabib hu mistenni rizultat, u jekk ma jottjenix rizultat, allura jkun responsabbli ghad-danni. Id-duttrina taljana tiddistingwi fil-kuntest t’obbligazzjoni *di fare*, bejn obbligazzjoni *di risultato* u obbligazzjoni *di mezzi*. Il-Qorti tal-Appell ta’ Milan f’sentenza moghtija fis-27 ta’ Marzu 1981, qalet li: *“nel contratto d’opera intelletuale, le obbligazioni del professionista sono di mezzi e non di rizultato, in quanto il professionista, assumendo l’incarirco, si impegna a prestare la propria opera intelletuale solo al fine di raggiungere il risultato sperato, ma non a conseguirlo.”* Hekk ukoll il-Corte di Cassazzione fl-Italja, f’sentenza li tat fil-21 ta’ Lulju, 1989, osservat li: *“Il contratto che ha per oggetto una prestazione d’opera intelletuale – inquadrabile nella categoria del lavoro autonomo – comporta normalmente per il professionista un’ obbligazione di mezzi,*

*nell'adempimento della quale egli e tenuto ad usare la diligenza che la natura dell'attivita` esercitata esige".* Dan ifisser illi, sakemm f'kaz partikolari t-tabib ma jassumix espressament obbligu li jottjeni rizultat, id-dover tat-tabib huwa li juza l-ahjar talenti tieghu fl-interess tal-pazjent. It-Tribunal ta' Napli, b'sentenza li tat fil-11 ta' Frar 1985, qal li: *"La diligenza che il medico deve impiegare nello svolgimento delle sue prestazioni e` qualla del regolato e accorto professionista, esercente la sua attivita` con scrupolosa attenzione ed adeguata preparazione professionale."*

Hija bl-istess ottika li wiehed ghandu jqis ir-responsabbilta` tal-konvenuta, mehud kont, pero`, tal-principju li meta l-intervent huwa estetiku, huwa mistenni li lill-pazjent tinghata informazzjoni aktar ampia tal-konsegwenzi tal-interventi. Din il-Qorti, fil-kawza **Sammut v. Fenech** deciza fl-1 ta' Dicembru 2006 kienet osservat hekk in subjecta materja:

> *"Din il-Qorti tara li l-Qorti ta' Kassazzjoni fl-Italja, b'decizjoni numru 4394 tat-8 ta' Awissu, 1985, kienet osservat li "il dovere di informazione, gravante sul chirurgo estetico <u>ha contenuto piu` ampio</u> rispetto al corrispondente dovere a carico del terapeuta in quanto dev' essere esteso alla possibilita` di conseguire un miglioramento effettivo dell'aspetto fisico, che si ripercuota favoralmente nella vita professionale e in quella di relazione". Din id-decizjoni tikkonferma l-htiega ta' informazzjoni <u>dettaljata u preciza</u> li kellu jaghti l-konvenut f'dan il-kaz."*

F'dan il-kaz, jirrizulta li din il-konvenuta mhux biss ma kelliex il-hila mehtiega taghmel dan l-intervent, izda ghalkemm lill-attrici intqal li *"no guarantee can be*

*given”* ma gietx informata sew x’seta’ jmur hazin u x’setghu kienu l-konsegwenzi f’kaz ta’ kumplikazzjonijiet.

Irrizulta wkoll, kif tajjeb tissottometti l-attrici, li din il-konvenuta ma kinitx kompetenti biex taghmel trattamenti bil-*laser* peress li kienet imharrga (biss) f’ghodda dijanjostika, u mhux fuq ghodda terapewtika, bhalma huwa *laser* li ntuza fuq l-attrici, u li t-tahrig li nghatat fir-rigward tat-trattamenti tal-*laser* kien kazwali. Din id-distinzjoni li ghamlet l-ewwel Qorti hija ferm importanti. Dan ghaliex l-ECG hija *‘diagnostic aid’*, tintuza biex tikkorrobora l-evidenza klinika ghal fini li jigi decifrat jekk pazjent ikunx qed ibati minn attakk tal-qalb, u min jaghmilha huwa biss *technician* li ma jkunx fl-ambitu tieghu li jinterpreta r-rizultat tal-ECG izda jkun kompetenti biss biex ikun jaf fejn ghandu jaghmel l-ECG fuq il-gisem. Min-naha l-ohra, l-*laser* ma jistax jitqies bhala *test* dijanjostiku proprju ghaliex huwa *‘treatment modality’* biex bhal f’dan il-kaz jahraq il-vini, u min jezegwieh jinhtieg certifikat ta’ *‘medical practioner’* li jkun ta’ l-anqas imharreg fil-*cosmesis*. Dan huwa indirettament konfermat anke mill-konvenuti stess meta mistoqsija jghidu min kien jaghmel it-trattamenti tal-*laser* semmew biss persuni li kienu tobba.

Il-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti dwar in-nuqqas ta’ hila taghha hija sorretta bi provi cari. Il-konvenuta Spiteri kkonfermat li fil-kors tal-Beauty Therapist hija ma kinitx tghallmet tuza’ l-*laser*, lanqas jirrizulta li fl-ECG jkun hemm uzu tal-*laser*. L-uniku ‘tahrig’ li kellha kien ta’ xi ftit sighat kuljum ghal xi

tlett ijiem mat-*technicians* Inglizi li gew jinstallaw il-magna tal-*laser*, li allura kien limitat u specifiku ghat-thaddim tal-magna tal-*laser* infisha. Qalet li kellha wkoll xi perjodu ta' zmien, it-tul ta' liem qatt ma gie specifikat, li kienet tara lill-konvenut Dr. Muscat jaghmel it-trattamenti hu. Din hija proprju l-kazwalita` tat-tahrig li hadet il-konvenuta fir-rigward tal-*laser*, u n-nuqqas taghha ta' kwalifika fl-uzu tal-*laser* bhala trattament specjalment f'post daqshekk delikat bhalma huwa l-wicc. Lanqas irrizulta li l-konvenut Dr. Muscat kellu xi licenzja biex jghallem lill-haddiehor jaghmel trattamenti tal-*laser* jew biex jaghti xi tip ta' certifikat jew *warrant* ghal dan il-ghan. Minn dan kollu ma jistax isegwi, kif jargumentaw il-konvenuti li Tania Spiteri akkwistat il-kompetenza mehtiega biex taghmel dan it-trattamenti.

Jirrizulta wkoll illi waqt it-trattament zammet *setting* tal-*laser* li kien maghzul minn qabel, u ma qaghditx attenta, jew ma wzatx l-inizjattiva taghha, biex tbiddel is-*setting* skont l-ezigenzi dinamici tal-kaz partikolari. Hi stess qalet li mxiet *"fuq dak miktub"*, izda kif osservaw l-esperti gudizzjarji, ma kellux isir hekk, izda kellha ssegwi dak li kien qed jigri u tanalizza f'kull waqt ir-rizultat, u dan anke bi djalogu kontinwu mal-pazjent. F'dan il-kaz, il-konvenuta ma kinitx qeghda f'kull waqt tara' r-rizultat fuq il-gilda, u dak li gara lill-attrici kien rizultat ta' nuqqas ta' hsieb u ghaqal li kien mistenni minn persuna li dahlet biex taghmel intervent ta' din ix-xorta.

**(b) Ir-responsabbilta` ta' Dr. Josie Muscat**

Din il-Qorti ma tarax kif dan il-konvenut jista' qatt jippretendi li jehles mir-responsabbilta`, ghas-semplici fatt li ma kienx hu li wettaq it-trattament fuq l-attrici. Kien mieghu li sar il-ftehim, u meta sar appuntament ghal dak il-ghan, ghazel li jsiefer u jhalli persuna ohra (inkompetenti) biex twettaq l-istess trattament. Ma kinitx l-attrici li "ghazlet" lil din il-persuna, izda kien l-ufficcju tieghu li ppropona li t-trattament seta' jsir minn Ms. Spiteri. Il-fatt li l-attrici accettat li t-trattament isir minn persuna ohra mhux Dr. Muscat, ma jesonorax lill-istess Dr. Muscat milli joffri servizz tajjeb u adegwat mill-klinika tieghu.

Barra minn dan, kif osservat din il-Qorti fil-kawza **Zammit et v. Polidano et**, deciza fil-31 ta' Jannar 2014, f'kuntest differenti izda b'applikazzjoni ta' principji generali:

> *"Min-naha l-ohra, is-socjetajiet appellanti ma jistghux jehilsu mir-responsabbilita` billi jghidu li qabbdu persuna biex tiehu hsieb ix-xoghol, ghax la darba rrizulta li b'dak li ghamlet jew ma ghamlitx dik il-persuna, is-socjeta` attrici sofriet danni (specjalment meta tower crane intrama ezatt mal-faccata tal-lukanda tas-socjeta` attrici), isegwi li dik il-persuna ma kienetx kompetenti f'xogholha, u ghall-konsegwenzi ta' din l-inkompetenza ghandhom ibatu wkoll is-sidien, is-socjetajiet konvenuti appellanti (ara* ***Grech v. Kummissarju tal-Pulizija****, deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Marzu, 1988, u* ***Gauci v. Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma et.****, deciza minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, fit-30 ta' Novembru, 2010, li fiha, wara rassenja ta' gurisprudenza, inghad li "il culpa in eligendo llum tinkludi r-responsabbilita` ta' persuna ghall-atti tal-impjegati*

> *taghha li jikkawzaw danni lil terzi”). Hu car, kif taraha din il-Qorti, li allura ghad-danni li sofriet is-socjeta` attrici, ma jahti hadd hlief is-socjetajiet konvenuti kif stabbiliet l-ewwel Qorti.”*

Il-kuntratt sar mal-konvenut Dr. Muscat, u jekk dan ma wettaqx l-obbligu tieghu, iwiegeb ghall-hsara b’mod solidali flimkien ma’ min wettaq attwalment il-hsara (ara wkoll **Bonnici et v. Nicholsons the Supermarket et**, deciza minn din il-Qorti fit-28 ta’ Frar 2014).

**(c) Htija kontributorja tal-attrici**

Il-konvenuti jissottomettu illi l-attrici trid terfa’ parti mir-responsabbilta` peress li meta rat wiccha jintefah, kellha tmur tkellem tabib u mhux tistenna li jasal l-appuntament fi zmien sitt gimghat. Kif qalet l-ewwel Qorti, ghalkemm meta ntefhilha wiccha u ntefhulha ghajnejha, hekk li bilkemm setghet tara’, kien mistenni minnha li tfittex parir qabel u mhux thalli jghaddu s-sitt gimghat, ma jirrizultax li dan in-nuqqas ikkontribwixxa b’mod serju lejn il-hsara li l-attrici ghandha f’wiccha.

Kif irrimarkaw l-esperti gudizzjarji, minhabba dan in-nuqqas *jista’ jkun*, li l-attrici kellha xi infezzjoni u li *jista’ jkun* li kieku giet trattata, ir-rizultat kien ikun ahjar; l-effett f’kull kaz, ma kienx wiehed kbir. Qeghdin, ghalhekk, fil-kamp ta’

suppozizzjoni, li ma jistax iservi biex jaghti bazi ghal xi forma ta' responsabbilta`, u kif rajna, jekk kien hemm effett dan kien *de minimis*.

Inoltre, u dan hu car, il-hruq tal-gilda sal-livell tal-pigmentazzjoni sehh waqt it-trattament tal-*laser* meta l-konvenuta Tania Spiteri ghamlitilha intensita gholja wisq u dan kien il-kawza diretta u mmedjata tal-hsara. Id-dewmien ta' sitt gimghat ma kienx il-kawza prossima tal-hsara li garbet l-attrici.

**(v) Dwar id-Danni**

Minn din il-partita appellaw iz-zewg partijiet. L-attrici tissottometti li l-kumpens ghandu jkun oghla, u dan billi tinhadem bl-uzu tal-formula solita tal-*multiplier* u mhux *arbitrio et boni viri* kif ghamlet l-ewwel Qorti. Il-konvenuti, min-naha l-ohra, jghidu li l-attrici ma sofriet ebda danni u li f'kull kaz ma hijiex intitolata, taht il-ligi Maltija, ghal danni mhux patrimonjali. Hawnhekk, il-Qorti tqis li ghandha tiddipartixxi xi ftit mill-motivazzjoni li waslet lill-ewwel Qorti tordna hlas ta' hamest elef Euro (€5,000) bhala kumpens.

Taqbel mal-ewwel Qorti li dak li ghandha l-attrici f'wiccha la hu insinifikanti u lanqas ma jista' jitqies li huwa bla effett ghax jista' jitghatta bil-*make up*. L-attrici issa ghandha wiccha b'difett goff u jaghti fl-ghajn, u dan zgur, ftit jew

wisq, jista’ jaffettwala l-possibiltajiet ta’ xoghol jew opportunitajiet rimuniratarji ohra. Ma ghandux ikun mistenni li l-attrici tkun trid bil-fors u kull hin tghatti wiccha bil-*make up* u l-isfregju lill-wiccha naturali ghandu zgur certi effetti. Hekk fil-kawza **Zerafa et v. Sacco** deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fl-1 ta’ Ottubru 2003 gie ritenut illi:

> *“… hsara kawzata f’wicc persuna ma hijiex kwistjoni ta’ hsara morali izda certament wahda ta’ dannu u pregudizzju fiziku f’wicc l-istess persuna li certament thalli l-konsegwenzi taghha kemm fizici u kemm psikologici, u li wiehed jittratta tali dannu manifest u palez bhala kwistjoni merament ta’ danni morali hija, fl-opinjoni ta’ din il-Qorti, sottomissjoni mill-iktar simplicita’ li tinjora ghal kollox il-valur ta’ l-estetika umana fejn certament li l-apparenza ghandha il-valur taghha rejali, u wkoll vitali li jvarja skond in-natura ta’ xoghol jew attivita’ li jkun intraprenda jew jista’ jintraprendi s-suggett in partikolari; dan apparti konsiderazzjonijiet ohra rilevanti dwar il-kwalita’ ta’ hajja ta’ dak li jkun.”*

Lanqas ma ghandu jkun mistenni li l-attrici terga’ tissottometti ruhha ghal trattament iehor bil-*laser* biex forsi tnaqqas il-kuntrast bejn il-vini homor u d-dbabar bojjod li ghandha fuq wiccha, ghalkemm l-ewwel Qorti qieset dan l-intervent mhux straordinarju. Intervent iehor ta’ *resurfacing* ikun irid isir barra minn Malta, jiehu hafna zmien u jiswa hafna flus. Lanqas ma hemm certezza li dawn l-interventi jaghtu rizultat pozittiv, aktar u aktar meta l-esperti gudizzjarji qiesu l-hsara li ghandha l-attrici bhala ‘permanenti’. Din il-Qorti mhux ser taghti valur probatorju lid-dokumentipprezentat mar-rikors tal-appell, ghax dik il-“prova” setghet issir u messa saret quddiem l-ewwel Qorti fl-istadju tas-smiegh tal-provi.

Fejn ma taqbilx din il-Qorti mal-ewwel Qorti hu fejn qalet li l-attrici ma ppruvatx danni patrimonjali bhala *lucrum cessans*, u minflok illikwidat kumpens li qiesithom danni mhux patrimonjali, li ma jirrizultax li, fl-isfond tal-ligi Maltija, jistghu jinghataw. Il-ligi ta' Malta, fl-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili, jaghti kumpens, taht dan il-kamp, ghal telf ta' qliegh futur, u ma jidhirx li l-karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropeja, li japplika biss fil-kuntest ta' *cross-border interests*, jista' jigi invokat f'oqsma li ma jaqghux fil-kompetenza tal-Unjoni, bhalma huwa d-dritt ghad-danni civili.

Dan ma jfissirx li l-attrici m'ghandhiex dritt ghad-danni konsegwenza tal-fatt li, skont l-esperti gudizzjarji, qed issofri minn dizabilita` permanenti ta' 3%. Il-fatt li hi mara tad-dar ma jtellifx milli tigi kumpensata ghat-telf ta' introjtu fil-futur. Hekk fil-kawza **Grech v. Briffa,** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta' Frar 1997 intqal illi:

> *"…ix-xoghol tad-dar ghandu valur ekonomiku, u l-kontribut li taghti l-mara tad-dar lill-ekonomija domestika ma ghandux jitqies li huwa anqas minn tar-ragel, u ghalhekk ma ghandux jitqies li jiswa anqas mill-paga minima nazzjonali."*

L-istess Qorti, fil-kawza **Borg v. Zammit**, deciza fit-22 ta' Marzu 1999, qalet li mara tad-dar ghandha dritt ghall-kumpens *lucrum cessans* (**Zammit v. Bezzina**, deciza minn din il-Qorti fid-19 ta' Settembru 1973), u x-xoghol tad-dar ghandu jitqies li jiswa' mhux anqas mill-paga minima nazzjonali. Fl-istess

sens huma s-sentenzi, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-kazijiet **Farrugia v. Mamo**, deciza fil-11 ta' Ottubru 2002, **Abela v. Dimech** deciza fit-18 ta' Marzu 2008 u **Psaila v. Farrugia** deciza fid-19 ta' Ottubru 2010, fost ohrajn. Ma hemmx dubju, allura li l-griehi li sofriet l-attrici jwasslu ghal telf ekonomiku fil-futur, minhabba l-hsara reali u tangibbli li l-konvenuti huma tenuti li jirrimedjaw ghaliha.

Jekk din il-Qorti min-naha l-ohra, tigi biex tuza' l-formola tal-*multiplier*, kif qed tinvitha taghmel l-attrici, ir-rizultat probabbli ma jkunx wisq differenti mill-figura ta' kumpens li ffissat l-ewwel Qorti. Fic-cirkostanzi, il-Qorti tara li tkun tista' tadotta, bhala *basic wage*, il-figura ta' ghaxart elef u hames mitt Euro (€10,500), kif issugeriet l-attrici, li waslet ghaliha a bazi tal-paga minima nazzjonali fiz-zmien li sehh l-incident, l-awmenti tul iz-zmien u progettazzjoni ghall-futur biex ikopri l-inflazzjoni u zidiet fil-paga minima. L-attrici kellha tmienja u erbghin (48) sena meta sehh l-incident, u mehud kont tac-*chances and changes of life*, li dejjem ghandhom jigu kkunsidrati fid-determinazzjoni tal-*lucrum cessans*, tara' li ghandha tadatta *multiplier* ta' 16. Ghalhekk il-kumpens jinhadem hekk:

€10,500 x 16 x 3% = €5,040, kwazi daqs il-€5,000 li ffissat l-ewwel Qorti.

L-attrici tinvita lill-Qorti ma timxix fuq il-percentagg ta’ 3% li ffissaw l-esperti gudizzjarji, u tistieden lill-Qorti tadotta percentagg ta’ 30% mehud kont tal-effetti psikologici li sofriet u se tibqa’ ssofri l-attrici b’rizultat ta’ dan l-incident. Fuq dan il-punt, din il-Qorti tghid li hu veru li, f’dawn l-ahhar zminijiet il-qrati taghna qed jaghtu kumpens ghad-dannu psikologiku (ara perezempju **Borg Falzon v. Korporazzjoni Enemalta**, deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta’ Novembru 2013). Hu accettat, anke fil-medicina, li jekk persuna jgarrab xi difett, dan anke jekk fizikament ma jtellifx lil dik il-persuna milli tinvolvi ruhha f’kull tip ta’ xoghol impenjattiv, jista’ jkollu effett fuq il-mohh u l-psike ta’ dik il-persuna, b’mod li ma tkunx tista’ timpenja ruhha ghal kull tip ta’ xoghol jew b’certa intensita`. Difett kosmetiku jista’ jkollu dan l-effett fuq il-vitma, b’mod li fih jonqos il-possibilita` li juzufruwixxi b’mod shih il-potenzjal tieghu. Dan, pero`, irid jigi ppruvat. Mhux bizejjed li l-vitma jghid li l-hsara li garrab se taffettwa hajtu; din il-prova trid issir b’mod serju u formali billi jew issir talba ghal perizja indipendenti, jew jitressaq espert ex parte (bhala psikjatra jew psikologu kwalifikat) li jispjega fid-dettal l-effetti li ghandu difett fuq il-vitma. F’dan il-kaz, l-attrici naqset li taghmel dan. Mhux bizejjed ghall-attrici li tghid li l-bajja fil-wicc jista’ jkollu effett serju fuq il-hajja taghha fl-interita` taghha, ghax jekk dan isehh u b’kemm ma giex muri. L-unika prova li hemm fl-atti hi li l-isfreggju li ghandha l-attrici f’wiccha *“amounts to a level of 3% permanent disability”.* Bil-formola soltu wzata mill-qrati taghna, din il-Qorti allura, kienet tasal ghal figura tant qrib il-figura li waslet ghaliha l-ewwel Qorti, li din il-Qorti

tara li ma hemmx skop tvarja dak li waslet ghalih l-ewwel Qorti bil-metodu taghha.

Din il-Qorti tista' tieqaf hawn fuq il-kwistjoni, anke ghaliex l-istess attrici talbet danni patrimonjali jew mhux patrimonjali alternattivament fis-sens li talbet dan tal-ahhar *"dato non concesso li l-attrici appellanti ma tikkwalifikax ghal danni patrimonjali".*

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi kemm mill-appell principali tal-attrici kif ukoll mill-appell incidentali tal-konvenuti billi tichadhom it-tnejn u tikkonferma *in toto* s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez in prim istanza jithallsu kif ordnat l-ewwel Qorti filwaqt li l-ispejjez ta' dan l-appell jithallsu dawk marbuta ma' l-appell principali mill-istess appellanti, u dawk marbuta ma' l-appell incidentali mill-istess konvenuti flimkien *in solidum.*

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------